**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 17 ta' Lulju, 2019**

**Rikors nru: 160/18 AGV**

AB

Vs

CD

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fis-26 ta' Gunju, 2018 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fir-Registru Pubbliku fis-27 ta' Awissu, 2015 u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' iskrizzjoni elf

tmien mija u disgha u sittinn tas-sena elfejn u hmistax (1869/2015 (Dokument A).

2. Illi l-konvenut huwa ta' nazzjonalita' Kubana u gie Malta wara li sar jaf lill-attrici f'Kuba.

3. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

4. Illi fl-ahhar gimghat, l-attrici skopriet li l-konvenut kien qed ighix hajja doppja – maghha ta' ragel mizzewweg u fl-istess hin relazzjonijiet ohra ma' nisa differenti, kemm f'Malta u anke barra minn Malta.

5. Illi kif ser jirrizulta car fil-kors tas-smigh ta' din il-kawza, il-kunsens tal-kontendenti, jew ta' min minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittjiet u dmirijiet essenzjali taghha.

6. Illi f'kull kaz, il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, bhala komunjoni tal-hajja bejnu u l-esponenti, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.

7. Illi minhabba ragunijiet premessi u ragunijiet ohra kontemplati fl-Att Dwar iz-Zwieg (Kap.255), iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett legali.

Ghaldaqstant, ghar-ragunjiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, prevja kull dikjarazzjonji li tirrizulta mehtiega, l-esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-27 ta' Awissu, 2015 kien null u bla ebda effett legali; u

(2) Konsegwentement tordna li dina n-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa in subizzjoni.

**FATTI**

1.L-attrici kienet iltaqghet mal-konvenut fl-2014, meta kienet marret btala mal-kugin taghha u l-habiba tieghu, gewwa Kuba. Kienu damu tlett gimghat u kienet ltaqghet mal-konvenut fir-rahal ta' Vinales.

2. L-attrici tghid li hija gradwata fl-ekonomija u kienet tahdem bhala direttrici mal-kumpanija tal-familja. Il-konvenut kien gej minn familja fqira u kien ibiegh oggetti maghmulin bl-idejn lit-turisti.

3. Il-konvenut kien qal lill-attrici li kellu tifel li kellu anqas minn sena, izda ma kienx ghadu f'relazzjoni mal-omm. Il-konvenut spicca jdur Kuba maghha u l-kugin u meta kienet introducietu lil zijuha li kien qieghed socju tal-Muzew u kien ighix Kuba b'missjoni, dan kien wissiha sabiex toqghod attentat mill-konvenut, izda ma tatx kasu peress li kienet tahseb li kien antikwat.

4.Il-konvenut kellu s-sengha ta' barbier, izda ma kienx jahdem hekk f'Kuba ghax ix-xoghol ma kienx irendilu. Fil-fatt, biex ikunu jistghu jikkomunikaw, l-attrici kienet hallsitlu l-kreditu fuq il-mobile.

5. L-attrici tghid li meta rritornat lura Malta hasset vojt kbir ghax kienet ingibdet lejn il-konvenut u meta f'Dicembru, 2014 kellha titla' Londra, marret ghal tlett ijiem Havana biex tikkonferma li l-konvenut kellu intenzjonijiet serji fil-konfront

taghha. Tghid ukoll illi kienet haditlu cd's biex jitghallem l-Ingliz u kienet xtraltlu laptop second hand. Kienet tatu ukoll pendrive bil-films biex ikun aktar ippreparat jekk kien ser jigi Malta. Tispjega li kien xtara rigali ghall-familja taghha u baghat email lil missierha biex iserrahlu rasu li kien ser jiehu hsiebha.

6. L-attrici tghid li bejn Ottubru, 2014 u Mejju, 2015, kienet telghet Kuba hames darbiet kollox a spejjes taghha u biex tghin lill-konvenut jakkwista l-Visa biex jigi Malta. Kienet insistiet mal-konvenut li kien aktar facli li l-konvenut jigi jghix Malta u b'hekk setghu jippreparaw ghaz-zwieg taghhom. L-attrici tistqarr li kienet thallaslu ghall-hwejjeg, kienet hallset il-purtieri ghad-dar tal-familja tieghu u anke mobile gdid u 1000 euros kull darba li telghet. Sadanittant, il-konvenut kien waqaf jahdem.

7.L-attrici tispjega li f'wahda minn dawn iz-zjajjar, il-konvenut kien taha curkett bl-ewwel ittra ta' isimhom u hasset li verament ried jintrabat maghha. F'Gunju, 2015 il-konvenut kien gie Malta u zzewwgu fis-27 ta' Awissu, 2015. Tghid li l-genituri taghha kienu nsistew li jeskludu l-komunjoni tal-akkwisti u hekk ghamlet. Malli l-konvenut ircieva r-*residence card* ippruvat isiblu l-impjieg u hadem mal-McDonalds, go hanut bhala barbier, izda ma kienx ikampa. Imbaghad giet l-opportunita' biex jikri post ta' barbier f'hanut San Giljan u beda jahdem self-employed. L-attrici tistqarr li rat dan bhala pass kbir ghall-futur taghhom u tant kellu potenzjal li f'Marzu, 2018 giethom l-opportunita' li jikru l-hanut shih.

8.F'Mejju, 2018 omm il-konvenut kienet infurmatu li nanntu kienet qed tmut u l-attrici hallsitlu l-biljett biex imur jaraha u kienet disposta li thallas il-kera tal-hanut sakemm ikun nieqes. Dam Kuba ghaxart ijiem, izda kien icempiliha ftit wisq u kienet tispicca ccempillu hi, minkejja li kien ikollha diffikultajiet biex taqbdu. Imbaghad kien gie lura fit-18 ta' Mejju, 2018 u l-attrici hassitu differenti. Bdiet tarah jinsiti li jkollhom relazzjonijiet intimi kuljum. Peress li l-attrici kellha

access ghal Instagram u Facebook account tal-konvenut kienet indunat li kien hemm tfajla Spanjola li kienet ghamlet kuntatt mieghu. Meta kkonfrontatu kien ammetta maghha li kellu relazzjonijiet intimi ma' din it-tfajla sakemm dam Kuba.

L-attrici tghid li kkomunikat ma' din it-tfajla biex thallihom bil-kwiet. Il-konvenut kien irrabbja u kien qal l-attrici li ma setax jibqa' fidil lejha. L-attrici tghid li kienet semmietlu li seta' kien hemm ic-cans li kienet tqila peress li kienu qed jippruvaw ghat-tfal u l-konvenut kien qed jiehu l-kura tal-infertilita'. Ir-reazzjoni tieghu kienet li kien ikun kuntent li jkollu t-tfal u kien jigi jarahom. Hawn l-attrici tghid li kienet indunat li l-ideja tal-konvenut ta' zwieg u familja ma kinitx l-istess bhal taghha.

8.L-attrici ma setghetx tafdah aktar u keccietu mid-dar. Dakinhar stess kien qed jiccaccra ma' siehbu fil-hanut u jixorbu. Peress li mill-mobile taghha kellha access ghall-kameras fil-hanut kienet indunat li minn mindu keccietu mid-dar kien idahhal nisa barranin fil-hanut u jkollu x'jaqsam maghhom. Tghid li anke t-tfajla Spanjola kienet giet xi darbtejn Malta.

9.Omm l-attrici EB tghid li ma kinitx kuntenta bir-relazzjoni bejn l-attrici u l-konvenut, peress li kienu familja tradizzjonali u l-konvenut kien gej mill-boghod u minn kultura differenti. Pero' tghid peress li kienet qed tara li l-attrici kienet kuntenta kienet hadet pass lura.

Omm l-attrici tghid li kienet indunat li l-attrici kellha pjan li tizzewweg il-Kuba, izda din ma setghetx taccettaha u kienet iggieldet mal-attrici, sakemm din tal-ahhar ikkonvinciet ruhha li tizzewweg hawn Malta. L-attrici kienet thallas kollox hi peress li l-konvenut kien gej minn familja fqira u rnexxielha ggibu Malta. Omm l-attrici kienet thoss li l-konvenut kien qed japprofitta ruhu minnhom u minn binthom u mbaghad ikollu c-cavetta biex ighix hajja ahjar u jiehu l-liberta'.

Ix-xhud tispjega li peress li lill-attrici kienet taraha kuntenta mal-konvenut, kienet titrattah l-istess bhal uliedha u kienu jghinuhom mill-ahjar li setghu. Tikkonferma ukoll li meta l-konvenut kien gie lura minn Kuba wara li kien mar jara lil nanntu, kien gie lura differenti, filwaqt li l-attrici ma baqghetx l-istess, kienet tbieghdet mill-familja, tahdem kemm tahdem dejjem kienet tispicca minghajr flus u lanqas ma baqghet tirrispetta lilha nnifisha.

Omm l-attrici tikkonferma li kienet kuntenta meta sfaxxa dan iz-zwieg peress li kien qed ikisser lill-attrici ftit ftit. Hi opponiet ghaz-zwieg u lanqas attendiet ghac-cerimonja peress li kienet thoss li l-konvenut ma kellux kuncett ta' zwieg, fedelta' u rispett u l-attrici kienet thobbu wisq biex tinduna b'dan.

10. Missier l-attrici jikkonferma dak kollu li xehdet omm l-attrici u jzid biss li hu pprova kemm jista' jkun izomm l-ghaqda fil-familja, peress li l-attrici u ommha kellhom hafna dizgwid fuq il-konvenut. Jistqarr ukoll li meta sar jaf b'dak li kien qed jaghmel il-konvenut Malta u barra minn Malta, ma kienx halla lill-attrici tghix wahedha ghax kien inkwietat fuq is-sigurta' taghha. Marret tghix maghhom biex iserrhu rashom li ma jigrilha xejn bil-lejl u ma jidhol hadd fuqha.

11. FB, hu l-attrici, jikkonferma li meta ohtu infurmatu li kienet saret thobb wiehed Kuban waqt li kienet marret btala hemmhekk mal-kugin taghha, ma tantx ha gost. Peress li kien trabbi go familja tradizzjonali ma kienx jemmen f'relazzjonijiet minn kulturi differenti.

Jikkonferma li ommhom ma kinitx kuntenta b'din ir-relazzjoni, izda rrispettat il-konvenut u trattatu bhala wiehed mill-familja. Ighid li meta ohtu l-attrici kienet infurmatu li kienet se tizzewweg lill-konvenut kien wissiha li ma kienx jemmen

li dan iz-zwieg kien ser jirnexxi, izda minkejja kollox meta talbitu biex joqghod xhud, hu accetta, ghaliex kien rah lill-attrici kuntenta u determinata.

Maz-zmien, pero' x-xhud jistqarr li beda jinduna li l-konvenut kien falz u li kien qed japprofitta mill-attrici. Induna li ohtu bdiet tkun aktar imdejjqa u mbaghad skopra li dan kien minhabba li kien gidbilha u li kellu relazzjonijiet ma' nisa ohra.

12. GB, hu l-attrici jikkonferma l-fatti msemmija aktar 'l fuq, Ighid ukoll li kienet talbitu biex joqghod xhud meta nfurmatu li kienet ser tizzewweg lill-konvenut, izda kien irrifjuta peress li ma kienx jemmen fil-konvenut u lanqas kien attenda ghaz-zwieg. Minhabba f'hekk ighid li l-attrici ma tantx kienet titkellem mieghu fuq affarijiet personali. Sa qabel kienu jahdmu flimkien u kienu maghqudin.

Jispjega ukoll li maz-zmien, l-attrici kienet inbidlet u dan peress li kienet naqset hafna mill-ambizzjonijjiet taghha u kienet tikkuntenta b'kollox basta takkomoda lill-konvenut. Hu l-attrici jistqarr li kemm il-darba kien ipprova jifthilha ghajnejha, izda kien kollu ghalxejn, sakemm saret taf li l-konvenut kien qed imur ma' nisa ohra, imbaghad kien kellimha missierhom.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Qabel xejn, peress illi r-rikorrent ibbazat it-talba taghha ghan-nullita` taz-zwieg sew fuq is-subinciz (1)(d) kif ukoll fuq is-subinciz (1)(f) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255, ghandu jinghad illi diversi drabi gie dikjarat mill-Qrati taghna illi kawza dwar annullament ta' zwieg imsejsa fuq is-subinciz (1)(f) u fl-istess waqt ukoll fuq is-subinciz (1)(d), ghandha titqies li tikkontjeni talbiet kontradittorji. Ghalkemm ma jidhirx li tali kontradizzjoni twassal ghan-nullita' tal-att, pero`

min-natura taghhom dawn iz-zewg kawzali flimkien inevitabbilment idghajfu lil xulxin.

Dwar l-inkompatibilita' bejn dawn iz-zewg sub-incizi intqal hekk fis-sentenza **Kenneth Cefai vs Louise Cefai** [1]Deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Novembru 2011:-

*"Ghar-rigward tal-kompatibilita` tas-sub-artikoli (d) u (f) imsemmija, din il-Qorti, ghal ennesima darba, tirribadixxi li talba bazata fuq dawn iz-zewg kawzali ma tistax, teknikament, treggi. Fil-kawza* ***Baldacchino v. Duan****, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Dicembru 2010, kien intqal hekk fir-rigward:- "It should be noted from the outset that, technically, this case should not have been discussed on its merits, as the two grounds put forward to support a claim for nullity cannot stand together and mutually exclude each other. While claiming that the spouses had sufficient discretion to exclude an intention to marry (simulation), plaintiff is automatically excluding the grounds of lack of discretion; similarly, while claiming a lack of discretion, he is automatically rebutting the ground under paragraph (f), as this implies a positive act of discretion to exclude marriage."*

Il-Qorti ser titratta iz-zewg kawzali izda naturalment fl-isfond tal-gurisprudenza nostrana fir-rigward ta' kawzali kontradittorji bhal fil-kaz odjern.

**Nullita taht l-Artikolu 19(1)(d)**

***d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet***

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Novembru, 2011

***essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;***

**Ikkunsidrat;**

Gie diversi drabi ritenut li d-decizjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta' xi tfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizjoni ggib maghha. Ghalhekk huwa imperattiv li biex jigu stabbiliti x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi ta' koppja mizzewga, wiehed ihares lejn il-ligi civili kif regolat permezz tal-Kodici Civili.

**Il-Kodici Civili fl-Artikolu 2** intestat ***Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin*** jelenka l-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg:-

***Artikolu 2.***

*(1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.*
*(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.*
*(3). Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja.*

**Ikkunsidrat;**

Fis-sentenza **Alessandra sive Sandra Mc Monagle gia' Mamo vs Mario Mamo**[2], il-Qorti fissret illi sabiex jirrendi l-kunsens moghti ghaz-zwieg invalidu ai termini tas-subinciz (1)(d) tal-Artikolu 19, jehtieg illi:-

"*fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritiko estimattiva jew kritiko valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.*" [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Il-gurisprudenza fir-rigward ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hija konkordi fis-sens illi d-difett li wiehed jevalwa, jifhem u jassumi d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li japprezza u jifhem x'ifisser iz-zwieg u l-hajja mizzewga, irid ikun wiehed gravi, tant illi m'huwiex kwalunkwe stat ta' immaturita` fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, iwassal ghall-annullament taz-zwieg minhabba nuqqas ta' *discretio judicii*.

Fis-sentenza **Mario Mizzi vs Maris Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru 2005, gie ritenut illi:-

"*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.*"

**Ikkunsidrat;**

---

[2] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Ottubru, 2000

In-nuqqas tad-*discretio judicii* huwa tabilhaqq kuncett guridiku li ghandu affinita` inerenti mal-kapacita` ta' wahda mill-partijiet jew entrambi l-partijiet fiz-zwieg, li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. In propositu, fis-sentenza **Charles Atkins v. Matilde Atkins**[3], inghatat spjegazzjoni dettaljata tal-kuncett ta' *discretio judicii* li huwa rikjest biex tikkonvalida l-kunsens matrimonjali:-

"*Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi. ... Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.*"

Huwa rilevanti jigi senjalat ukoll li jinsab imfisser fil-gurisprudenza nostrana[4] illi b'immaturita` affettiva wiehed ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' affett lejn il-parti l-ohra jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' imhabba. Lanqas il-fatt li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement jew ma tkunx hasbet jew irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, ma jitqiesx necessarjament bhala difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ghaliex f'kull kaz, id-difett riskontrat irid ikun wiehed serju u gravi u mhux ibbazat fuq incident uniku.

---

[3] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru, 2003

[4] Ara r-rassenja tal-gurisprudenza in materja li tinsab fis-sentenza Simon Cusens vs. Romina Cusens supra.

**Ikkunsidrat;**

Fil-kaz odjern, l-attrici ltaqghet mal-konvenut waqt li kienet btala gewwa Kuba. Mill-ewwel jidher li kienu attratti lejn xulxin, li anke waqt il-vjagg taghha, fejn kienet ilha taf lill-konvenut ftit jiem biss, mar idur maghha u ma' kuginuha madwar Kuba. Dan kien f'Ottubru, 2014.

Sa Awissu, 2015, il-partijiet kienu mizzewwgin. Il-genituri u hut l-attrici lkoll ikkonfermaw li ma kinux konvinti b'din ir-relazzjoni, partikolarment, omm l-attrici li kienet tara li l-uniku skop wara dina r-relazzjoni kienet biex il-konvenut japprofitta ruhu mill-attrici. Fil-fatt, kemm hi, kif ukoll huha G m'attendewx ghat-tieg, ghax genwinament kienu jemmnu li dan iz-zwieg ma kienx ser jirnexxi.

Mill-provi prodotti jidher li l-konvenut kien konsapevoli ta' kull pass li kien qed jaghmel u li kull pass kien bi skop ulterjuri. Gera wara l-attrici, genninha ghal warajh, tant li kienet titla' u tinzel lejn Kuba, ghamlet l-arrangjamenti sabiex takkwistalu Visa biex ikun jista' joqghod Malta. Kienet thallaslu l-kontijiet kollha u lanqas ma seta' jsaddad fl-impjieg tieghu.

Dan kollu hu prova cara li l-konvenut ma kienx qed ibati minn diskrezzjoni ta' gudizzju, anzi kien konsapevoli ta' dak li kien qed jaghmel. Evidentement ried jitlaq minn Kuba sabiex jipprova jsib hajja ahjar u sab lill-attrici, tfajla Maltija pjuttost ingenwa, bhala t-targa ghad-dhul fl-Ewropa. Dina l-Qorti hija konvinta li l-konvenut kellu l-kapacita' *di intendere e volere* u ta' x'ínhuma verament id-drittijiet u obbligazzjonijiet tieghu bhala ragel mizzewweg, pero' minkejja li kien konsapevoli ma kellux interess li jharishom u jwettaqhom. Biex jigi ppruvat in-nullita' taz-zwieg taht id-disposizzjoni Artikolu 19 (1d) ir-rikorrent jehtieg li jkollu nuqqas ta' konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkun diehel ghalih u cioe'

x'ifisser zwieg u x'inhuma l-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Ghalhekk id-difett irid ikun wiehed sever u gravi.

Ma jistax jinghad li bl-azzjonijiet tieghu, il-konvenut kellu difett sever u gravi. Kien konsapevoli x'ried, x'kien it-tir tieghu biz-zwieg u fuq kollox, peress li l-konvenut kellu diversi relazzjonijiet extra-maritali, huwa evidenti li ma kienx dispost li jhares l-obbligi u d-drittijiet konjugali, gialadarba kien akkwista dak li ried, fetah hanut ta' barbier u kellu mara li tghinu javvanza finanzjarjament u mbaghad meta wasal il-hin u waqt halliha wahedha.

Ghalhekk, mill-provi prodotti, jirrizulta li n-nullita' taht l-Artikolu 19 (1d) tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta ma treggix.

**Nullita taht l-Artikolu 19(1)(f)**

***f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

Huwa relevanti fil-konsiderazzjoni dwar in-nullita` o meno taz-zwieg bejn il-partijiet taht il-kappa tal-Artikolu 19(1)(f), il-fatt illi kif stabbilit, il-partijiet ma kienux neqsin mid-discretio judicii sabiex jidhlu ghal rabta matrimonjali validu u pjuttost kellhom il-konoxxenza mehtiega tal-obbligi u drittijiet konjugali li kienu dehlin ghalihom. Sabiex wiehed jeskludi z-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, irid ikun evalwa u fehem proprju x'inhuma dawn l-elementi.

Kif ritenut fis-sentenza **Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine**[5]:-

[5] Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 28 ta' April, 2002

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg……hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."* [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Gie ulterjorment ritenut fis-sentenza **Al Chahid vs Mary Spiteri**[6] illi:-

*"... wiehed jinnota li taht l-artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma' ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi l-gurisprudenza in materja hija konkordanti illi sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg taht l-Artikolu 19(1)(f), irid jigi necessarjament ippruvat ukoll li xi wiehed mill-partijiet eskluda z-zwieg innifsu jew wiehed mill-elementi necessarji taz-zwieg, kif ukoll li xi wiehed mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni tal-kunsens tieghu jew taghha.

Skond kif ritenut fis-sentenza recenti **Simon Cusens vs. Romina Cusens**[7], sabiex zwieg jigi kkunsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz, irid jirrizulta ppruvat li entrambi l-partijiet jew xi hadd mill-partijiet tkun hadet decizjoni li ghalkemm

---

[6] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju, 2002

[7] 104/2010, deciza minn dina l-Qorti kif presduta fl-10 ta' Dicembru, 2014 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Frar, 2016.

ser tippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg. Fi kliem iehor, filwaqt li esternament tidher li qed taghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali, dik il-parti tkun fl-istess hin u minn qabel ma tat il-kunsens taghha, diga` mentalment eskludiet a priori d-dispozizzjoni taghha li tottempera ruhha ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali.

Fl-istess vena, gie ritenut hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins**[8]:-

*"Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra*".

Terga' ssir referenza f'dan l-istadju ghas-sentenza fuq citata fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins** fejn gie ritenut li:-

*"... rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cioe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied."*

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Abdel Wahed vs. Dr. Yana Micallef Stafrace et noe**.[9], elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-"*komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt*

[8] Deciza 2 ta' Ottubru, 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[9] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 14 ta' Lulju, 1994

*ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied*"[10] L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **Aquilina vs. Aquilina[11]** u fis-sentenza **Grech vs. Grech**.

**Ikkunsidrat:-**

It-talba ghall-annullament taht l-Artikolu 19 (1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta tirreferi ghall-simulazzjoni parzjali u cioe' parti, fil-mument li suppost qed taghti l-kunsens taghha, il-parti tkun eskludiet iz-zwieg, kif ukoll wiehed jew aktar obbligi  essenzjali taz-zwieg, u cioe' unjoni permanenti, eskluzziva u irrevokabbli, diretta lejn il-gid komuni, bl-iskop li jkun hemm prokreazzjoni.

Kif diga' gie ribadit hawn fuq, iz-zewg disposizzjonijiet li fuqhom ir-rikorrenti qed titlob in-nullita' taz-zwieg taghha mal-intimat ma jistghux jigu applikati flimkien u dan stante li jekk il-kunsens tar-rikorrent kien ivvizjat peress li kien qed ibati minn *discretio judicii*, zgur li ma setax kellu kunsens vizjat minhabba simulazzjoni taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-obbligi essenzjali taz-zwieg. Ghalhekk, il-Qorti thoss li ikun kompitu inutli li tanalizza l-fatti fid-dawl tal-Artikolu 19(1f) tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-kaz odjern pero' gie stabbilit li l-konvenut kellu d-diskrezzjoni ta' gudizzju ai termini tal-Artikolu 19 (1d) tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk in-nullita' taz-zwieg tista' tigi kkunsidrata fl-ambiti tal-Artikolu 19 (1f) tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jirrikjedi li l-konvenut ikun wera' simulazzjoni totali u cioe' li l-kunsens tieghu kien ivvizzjat stante li minkejja esternament kien jidher li xtaq jiccelebra dan iz-zwieg, ir-rieda tieghu nterna

[10] Citata mill-Qorti tal-Appell fil-kawza 237/14
[11] Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 30 ta' Jannar, 1991

kienet li teskludi ghal kollox iz-zwieg. L-istess artikolu jikkontempla ukoll kunsens ivvizzjat minhabba simulazzjoni parzjali u cioe' li l-konvenut eskluda wiehed jew aktar mill-obbligi essenzjali taz-zwieg, l-permanenza taz-zwieg immirata lejn il-gid komuni, kif ukoll il-prokreazzjoni tat-tfal.

**SIMULAZZJONI TOTALI U PARZJALI**

Il-konvenut, Kuban minn familja fqira sab l-attrici, tifla genwina, stabbilita fil-hajja, gradwata fl-ekonomija, b'impjieg fiss ma' kumpanija tal-familja taghha stess. Mill-mument li ltaqghu, ghaddew ftit granet biss, meta diga' akkumpanja lill-attrici fil-vjagg taghha madwar Kuba. Dan kien fl-2014 u ftit xhur wara l-konvenut fl-2015 gie Malta u zzewwgu. Kien hemm pressjonijiet sabiex l-attrici tibqa' Malta, partikolarment mill-familja taghha u kien hemm ukoll insistenza da parti taghha biex takkwistalu l-Visa biex il-konvenut jibqa' hawn Malta.  Sa ftit xhur wara kienu mizzewwgin.

Omm l-attrici, kif ukoll huha m'attendewx ghaz-zwieg ghax ma setghux jaccettaw din ir-relazzjoni. L-attrici kienet ghamja wara l-konvenut, li kien jidher "charmer" u ntilfet ghal warajh u donnha ma baqghetx tirraguna, filwaqt li l-membri tal-familja rrealizaw li l-konvenut ma kienx xejn ghajr approfittatur, biex ighix minn fuq dahar l-attrici, u jidhol fl-Ewropa. Huha stess, GB jirrimarka li l-konvenut kien it-tip li donnu jifhem f'kollox u ghalkemm kien ipprova jiftah ghajnejn ohtu, kien kollu ghalxejn.

Meta gie Malta, l-attrici dejjem stinkat sabiex isiblu mpjieg, izda kien kontinwament isib l-iskuzi ghal kull impjieg li ssiblu. Meta mbaghad sabitlu hanut fejn seta' jahdem self-employed bhala barbier, impjieg li seta' jrendi, mar Kuba bil-pretiza li nanntu ma kinitx tiflah u dan kien ghall-habta tas-sena 2018. Minn hemm bdew sensiela ta' relazzjonijiet ma' nisa differenti, wahda wara l-

ohra, kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Il-konvenut ma sskrupla xejn biex jametti mal-attrici l-infedelta' tieghu. L-attrici esebit diversi ritratti u messaggi li jikkonfermaw li f'temp ta' erba' xhur bejn Mejju, 2018 u Awissu, 2018 kellu relazzjonijiet ma' mhux anqas minn ghaxar nisa.

Il-konvenut addiritura ammetta mal-attrici li kien ikun kuntent li kieku kienet qed tistenna tarbija. izda ghamilha cara li ma kellux intenzjoni jibqa' maghha, izda kien jiehu gost jigi jara lill-uliedu.

Ghalhekk, dawn ic-cirkostanzi kollha jwasslu biex jikkonvincu lil dina l-Qorti li l-konvenut mhux biss eskluda z-zwieg innifsu, izda eskluda ukoll l-element essenzjali tal-fedelta' fiz-zwieg. Ghaldaqstant, jezistu bizzejjed provi sabiex iz-zwieg jigi ddikjarat null minhabba simulazzjoni totali kif ukoll parzjali.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza, billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null ai termini tal-Artikolu 19 (1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tordna li ssir l-annottazzjoni fl-istess certifikat taz-zwieg.

Bl-ispejjez ghall-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**